# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2020**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1188/12TA**

**Bonnici Bros. Ltd (C 3905)**

**vs**

**1) Mosta Football Club, u**
**2) Kunsill Malti għall-Isports u b'nota tad-9 ta' Ottubru 2019 stante bidla fin-nomenklatura, Sport Malta ssumiet l-atti minflok Kunsill Malti għall-Isports.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-Soċjetá Attriċi preżentat fid-29 ta' Novembru 2012 u maħluf fl-istess jum minn Emanuel Bonnici li permezz tiegħu talbet is-segwenti:-

"1) Illi s-soċjeta attriċi kienet ġiet inkarigat mill-intimati sabiex twettaq xogħolijiet infrastrutturali fuq il-proġett tal-Mosta Football Ground;

2) Illi l-istruzzjonijiet kienet irċevithom waqt laqgħa on site nhar is-7 ta' Jannar 2010;

3) Illi dawn ix-xogħolijiet tlestew u s-soċjeta' attriċi preżentat il-kont fl-ammont ta' tletin elf tliet mija u tlieta u tletin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€30,333.58) lill-intimati tramite l-Perit inkarigat minnhom fuq il-proġett u senjatament il-Perit Stephen Grech tad-ditta Innovative Architectural Structures – kopja tal-kont annessa u mmarkata bħala Dok A;

4) Illi l-istess Perit approva l-kont mibgħut permezz ta' emails datati 17 ta' Diċembru 2010 – kopja tal-emails annessi u immarkati bħala Dok B, fejn l-istess perit ikkonferma li l-items tal-kont jikkonformaw max-xogħolijiet ordnati fil-bidu tal-proġett;

5) Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, anke permezz ta' ittri legali u kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali tal-24 ta' Awwissu, 2012, l-intimati baqgħu inadempjenti u kellha ssir din il-proċedura;

6) Illi l-intimati m'għandhom ebda eċċezzjonijiet xi jressqu;

7) Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti u huma ikkonfermati permezz ta' affidavit ta' Emanuel Bonnici li qed jiġi anness u immarkat bħala Dok Ċ.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tletin elef tliet mija u tlieta u tletin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€30,333.58);

3) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidament bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' fl-ammont ta' tletin elf tliet mija u tlieta u tletin Ewro u tmineja u ħamsin ċenteżmu (€30,333.58) bl-imgħaxijiet mid-data tal-kont.

Bl-ispejjeż inkluz tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment u tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Awwissu 2012, kontra l-intimati inġunti minn issa għas-subizzjoni tagħhom."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Konvenut Kunsill Malti għall-iSport preżentata fl-1 ta' Frar 2013 u maħlufa fl-istes jum minn Bernard Vassallo li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent għas-segwenti raġunijiet:

1. Li fuq bażi preliminari, il-Kunsill intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur għaliex m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-Kunsill Malti għall-iSport u l-kumpannija rikorrenti.

2. Li mingħajr preġudizzju għas-suespost u in subordinazzjoni għall-istess, il-Kunsill intimat qatt ma ta struzzjonijiet jew awtorizza li jsiru xogħlijiet fil-Mosta Football Club li għalihom ma saritx sejħa għall-offerti pubblika.

3. Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u in subordinazzjoni għall-istess, ix-xogħlijiet kollha li d-Direttur tal-Kuntratti għan-nom tal-Kunsill intimat ikkontratta ġew imħallsa mill-Kunsill intimat lil min ezegwixxa x-xogħlijiet."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Mosta Football Club preżentata fis-7 ta' Frar 2013 u maħlufa fl-istess jum mill-Perit Christopher Grech li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament l-espoenenti jeċċepixxi n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika kwalsijasi mal-kumpannija attriċi Bonnici Bros. Limited peress illi l-esponenti qatt ma inkariga jew ta struzzjonijiet lil dik il-kumpannija biex teżegwixxi xi xogħolijiet u dan kuntrarjament għal dak li qiegħed jiġi allegat fir-rikors maħluf u fl-affidavit anness miegħu;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jeċċepixxi illi anke kieku kellu jirriżulta li l-kumpannija attriċi kellha xi dritt ta' azzjoni kontra l-esponenti, tali azzjoni hija preskritta bid-dekors jew tal-perjodu ta' tmintax-il xahar kontemplat fl-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jwieġeb illi t-talbiet tal-kumpannija attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi dak li verament ġara huwa dan li ġej:

(i) il-konvenut l-ieħor ossija l-Kunsill Malti għall-Isports ħareġ sejħa għall-offerti tramite d-Direttur tal-Kuntratti sabiex jiġu eżegwiti xogħolijiet estensivi ġewwa l-Mosta Football Ground;

(ii) il-Mosta Football Ground jintuża mill-esponenti iżda l-esponenti ma kienx involut fil-ħruġ ta' tali sejħa għall-offerti;

(iii) kumpannija bl-isem 240 Limited, li mhijiex parti minn dawn il-proċeduri, tefgħet l-offerta tagħha u kienet l-offerta ta' din il-kumpannija li ġiet aċċettata;

(iv) l-imsemmija kumpannija 240 Limited qabbdet lill-kumpannija attriċi bħala "sub-contractor" tagħha biex teżegwixxi xogħolijiet ġewwa l-Mosta Football Ground;

(v) ix-xogħolijiet kollha illi l-kumpannija attriċi qiegħda tirreklama ħlas tagħhom f'din l-istanza huma kollha xogħolijiet li kienu jaqgħu fl-ambitu tal-kuntratt illi l-imsemmija kumpannija 240 Limited iffirmat mad-Direttur tal-Kuntratti jew mal-konvenut l-ieħor ossija l-Kunsll Malti għall-Isports. Dana jista' jiġi ikkonfermat mhux biss mill-esponenti imma anke minn perit tekniku li jista' jogħġobha taħtar dina l-Onorabbli Qorti;

(vi) f'kull każ, tant kemm l-esponenti ma għandux x'jaqsam mat-talba tal-kumpannija attriċi illi l-kont li fuqu l-kumpannija attriċi isejjes il-kawża tagħha lanqas biss uwa indirizzat lill-esponenti;

4. Illi għalhekk l-esponenti jwieġeb illi t-talbiet tal-kumpannija attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi huwa mhuwiex debitur tal-kumpannija attriċi kif minnha allegat;

5. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-kumpannija attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha. Id-diretturi, rappreżentanti u azzjonisti tal-kumpannija attriċi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Lulju 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kawża u ċioe dwar jekk humiex il-leġittimi kontradittur.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din il-kawża tirrigwarda l-proġett sabiex jiġi żviluppat il-ground tal-Mosta. Dan il-ground huwa proprjetá tal-Kunsill Konvenut u kien qed jinkera mill-Club konvenut l-ieħor (xhieda Stephen Grech a fol 323).

**2.** Dan il-proġett tmexxa mill-gvern permezz ta' tlett tenders li kienu nħarġu mid-Direttur tal-Kuntratti. Dawn kienu jikkonsistu f'tender relatat mat-tqegħid tat-turf u xogħlijiet oħra ta' preparamenti qabel jitqiegħed it-turf li ġie aġġudikat lill-kumpanija 240 limited; tender relatat max-xogħol tal-kostruzzjoni tal-istand li kellha tilqa l-ispettaturi fuqha inkluż xogħol ta' titjib għas-sistema tad-dawl li ġie mogħti lil Polidano Group; u tender relatat ma' xogħol ta' fencing mal-perimetru tal-ground, liema xogħol sar minn Intersteel Limited (ara para 5 tal-affidavit tal-Perit Christophre Grech a' fol 238).

**3.** Il-Gvern kien ħareġ dawn it-tenders wara li l-Awtoritá tal-Ippjanar laqgħet l-applikazzjoni biex jingħata permess għal dan il-proġett. Din l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa mil-Perit Stephen Grech f'isem Charles Abela bħala President tal-club Konvenut u notifikata lill-kunsill Konvenut bħala s-sid tal-ground (ara xhieda Perit Stephen Grech a' fol 323, xhieda Perit Chris Grech a' fol 339 u 340).

**4.** Dan il-proġett tħaddem mill-Konvenut Kunsill Malti għal-Isport (ara xhieda Bernard Vassallo a' fol 224; xhieda Joseph Cassar a' fol 232). Il-Perit Stephen Grech ġie mqabbad bħala l-Perit ta' dan il-proġett wara li ġie nominat mill-Club Konvenut, preċiżament mill-eks President is-sur Charles Abela (ara xhieda Perit Chris Grech a' fol 338). Huwa tħallas mil-Kunsill Konvenut (xhieda Bernard Vassallo Chairman tal-kunsill Malti għall-isport a' fol 224 u 228, xhieda Perit Chris Grech a' fol 339).

**5.** It-tender għax-xogħol ta' tqegħid ta' artificial turf iġib in-numru CT2286/2009 u ġie mogħti lis-Soċjetá 240 limited fit-2 ta' Diċembru 2009 (ara tender award a' fol 20 u t-tender document a' fol 58);

**6.** Il-ftehim kuntrattwali ta' appalt ġie ffirmat ftit ikatar minn sitt xhur wara, preċiżament fil-15 ta' Ġunju 2010. Dan il-ftehim kuntrattwali ġie ffirmat mid-Dipartiment tal-Kuntratti, qua l-Awtoritá tal-Gvern Centrali, f'isem il-Konvenut Kunsill Malti għall-Isports, qua l-Awtoritá kontraenti, u mis-Soċjetá 240 Limited li ġiet hekk magħżula għax xogħol appaltat (ara kuntratt a' fol 21).

**7.** Għal dan il-proġett, is-Soċjetá 240 Limited inkarigat lis-Soċjetá Attriċi bħala sub-appaltatur (ara affidavit Mark Vella, quantity surveyor mas-soċjetá attriċi a' fol 246 para 2).

**8.** Skont l-i*specifications* ta' dan it-tender (a' fol 200) it-tqegħid ta' artificial turf kien jinkludi mhux biss it-tqegħid tat-turf sintetiku nnifsu iżda wkoll id-disinn u kostruzzjoni ta' "sub-base and base".

**9.** Ġara li qabel ma setgħa jinbeda x-xogħol fuq is-sub-base skont kif regolat fit-tender imsemmi, inqagħla l-ħtieġa li jsiru xi xogħolijiet fuq il-culverts tal-ilma. Is-Soċjetá Attriċi ġiet direttament mitluba tagħmel dan ix-xogħol addizzjonali mil-Perit Stephen Grech, is-Sur Charlo Bonnici li dak iż-żmien kien membru parlamentari, u membri tal-konvenut Mosta Football club fosthom il-Perit Chris Grech, il-viċi president tal-club imsemmi (ara xhieda Perit Stephen Grech a' fol 312 u 313 u affidavit Mark Vella para 4 u 5 a' fol 246, affidavit Perit Christopher Grech, viċi president fil-Mosta Football Club a' fol 238, xhieda Manuel Bonnici a' fol 329 u xhieda Mark Vell a' fol 382). F'din il-laqgħa s-Soċjetá Attriċi ġiet mitluba mil-Perit Stephen Grech sabiex tibgħat l-istima bir-rati tagħha għal dan ix-xogħol (ara xhieda Mark Vella a' fol 382). Permezz ta' e-mail datata 15 ta' Marzu 2010 (a' fol 266) il-Perit Stephen Grech informa lil-Mark Vella, il-quantity surveyor tas-Soċjetá Attriċi, li "*Charlo Bonnici who is managing the project … has accepted Bonnici Brothers offer to clear the culvert slabs*."

**10.** Saru xi negozjati fuq dawn ir-rati bejn id-direttur tas-Soċjetá Attriċi Manuel Bonnici u l-viċi president tal-club Konvenut il-Perit Chris Grech għal raġunijiet spjegati mid-direttur tas-soċjetá Attriċi stess (a' fol 330 u 331). Wara li kien hemm qbil fuq ir-rati, is-Soċjetá Attriċi bagħatet l-istima finali lil-Perit Stephen Grech permezz ta' e-mail datata 20 ta' Marzu 2010 (a fol 266; ara wkoll xhieda Manwel Bonnici Direttur tas-soċjetá attriċi a' fol 331). Il-Perit Stephen Grech fisser dawn ir-rati bħala ġustifikati u li kienu jagħmlu sens (ara xhieda a' fol 317).

**11.** Is-Soċjetá Attriċi għaddiet biex twettaq dawn ix-xogħolijiet fuq il-culverts tal-ilma wara li nfurmat b'dan f'email datata 8 ta' April 2010 u ingħatat l-*endorsement* mill-Perit Stephen Grech b' e-mail risponsiva mibgħuta fl-istess data (ara fol 357). F'din l-email ġew ikkupjati s-sur Joe Cassar, is-CEO tal-Kunsill Konvenut, is-Sur Charlo Bonnici, il-perit Chris Grech kif ukoll Desmond Mizzi, id-direttur tas-soċjetá 240 limited.

**12.** Is-Soċjetá Attriċi wettqet u lestiet ix-xogħolijiet addizzjonali in kwistjoni dak ix-xahar stess (ara xhieda Perit Stephen Grech a' fol 402) fost ħafna pressjoni eżerċitata fuqha mis-Sur Charlo Bonnici. Din il-pressjoni kienet kemm politika kif ukoll sabiex il-Konvenut Mosta Football Club ma jibqax jikri ground ieħor (ara xhieda Perit Stephn Grech a' fol 316 u 322, xhieda Manuel Bonnici a' fol 332). Kif lestiet mix-xogħol fuq il-culverts tal-ilma, is-Soċjetá Attriċi ħarġet il-kont skont l-istima miftehma (ara xhieda perit Stephen Grech a' fol 319).

**13.** Jirriżulta li l-Kunsill Konvenut ma ġiex infurmat bid-diskussjonijiet li saru rigwardanti ix-xogħolijiet addizzjonali meħtieġa fuq il-culverts. Lanqas ma ġie mibgħut lilu l-istima tas-Soċjetá Attriċi għal dawn ix-xogħolijiet jew intalbet l-awtorizazzjoni tagħha għall-istess (ara xhieda Mark Vella a' fol 383 u xhieda Perit Stephen Grech a' fol 399 sa 401).

**14.** Ic-chairman tal-Kunsill konvenut is-sur Bernard Vassallo iddikjara f'ittra datata 29 ta' Awwissu 2011 (a' fol 360) li "*we we were not aware of these variations until we received the bill for payment.*" Fix-xhieda tiegħu (a' fol 234) is-CEO tal-Kunsill Konvenut Joe Cassar ukoll jafferma li l-kunsill sar jaf b'dawn ix-xogħolijiet addizzjonali "*wara li l-Perit Stephen Grech beda jġib il-kontijiet u kellu xi variations*." Dawn ix-xogħolijiet addizzjonali flimkien mal-kont maħruġ għalihom ġew fil-fatt iċċertifikati mil-Perit Grech bħala variations fi tlett rapport redatti minnu. F'dawn ir-rapporti ġew spjegati r-rġunijiet wara din il-varjazzjoni li ġabet magħha il-ħtieġa ta' dawn ix-xogħolijiet addizzjonali.

**15.** L-ewwel wieħed ġie redatt fl-4 ta' Marzu 2010, jiġifieri qabel ma bdew ix-xogħolijiet (ara Dok SG 3 a' fol 269), it-tieni ġie redatt fit-22 t'April 2010, jiġifieri waqt li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet (ara Dok SG 4 a' fol 273) u l-ieħor ġie redatt fit-28 ta' Lulju 2011, jiġifieri wara li kien tlesta l-proġett (ara Dok SG 5 a' fol 289).

**16.** L-ewwel rapport datat 4 ta' Marzu 2010 ġie notifikat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ir-rapport l-ieħor tat-22 t'April 2010 ġie redatt wara li l-perit Stephen Grech ġie mitlub mil-Kunsill Konvenut u s-Sur Charlo Bonnici sabiex jirrediġi rapport iktar estensiv. Ir-rapport tat-28 ta' Lulju 2011 ġie redatt wara li l-Perit Stephen Grech reġa ġie mitlub mil-Kunsill konvenut u s-sur Bonnici sabiex jagħmel report bil-'quantities u l-valuri' (xhieda Perit Stephen Grech a' fol 318). Dawn l-aħħar żewġ rapporti intbgħatu mill-Kunsill Konvenut lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dan jawtorizza l-ħlas għal dawn ix-xogħolijiet addizzjonali li saru, fosthom dawk mertu ta' din il-kawża (ara xhieda Perit Stephen Grech ( a' fol 318, xhieda Joseph Cassar a' fol 234 u ittra datata 29 ta' Awwissu 2011 a' fol 360).

**17.** Fl-ittra datata 29 ta' Awissu 2011 mibgħuta miċ-chairman tal-kunsill konvenut lid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti (a' fol 359), il-kunsill konvenut iddefenda dawn ix-xogħolijiet u spjega li kellhom isiru qabel ma ħarġet l-approvazzjoni neċessarja minħabba li "*time was of the essence, since the season's commencement had already been scheduled and further delays would have meant the non-completion of the facility in time, with players and the youth nursery left without a sports facility.*" F'din l-ittra l-Kunsill konvenut iddikjara dawn il-variations bħala ġustifikabbli: " *We are hereby requesting that your Department approves the payment of these variations, since they are justified variations for work carried out…the fact that the variations herein requested result justified, we request that your Department approves their payment*" (ara fol 360).

**18.** Jirriżulta mill-istess ittra li d-dipartiment tal-kuntratti ma kienx approva l-variations ċertifikati fl-ewwel żewġ rapporti iżda kien talab għal iktar informazzjoni rigwardanti n-natura u l-iskop ta' dawn il-variations (ara ittra a' fol 359 u xhieda ta' Dr. Franco Agius a' fol 386 u 387). Jidher li l-awtorizzazzjoni ma ngħatatx għaliex dawn ix-xogħolijiet ġew iċċertifikati bħala xogħolijiet li kienu diġa saru u li ma kienux jaqgħu fil-parametri tat-tender document (ara ix-xhieda ta' Joe Cassar, CEO tal-kunsill konvenut a' fol 234 u xhieda perit Stephen Grech a' fol 313 et seq). Ghalhekk il-Kunsill Konvenut bgħat it-tielet rapport kif redatt mil-Perit Stephen Grech, li hu dak datat 28 ta' Lulju 2011, ma l-ittra imsemmija, skont kif kien rikjest mid-Direttur tal-Kuntratti.

**19.** Permezz ta' e-mail risponsiva datata 4 ta' Ottubru 2011, id-dipartiment talab lil kunsill konvenut xi kjarifiki addizzjonali, u ċjoe li t-talba għandha tkun 'endorsed' mis-Segretarju Permanenti u tkun ġustifikabbli ai termini tar-regolamenti 78 u 73(d) u (e) tar-regolamenti tal-2010 Dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 296/10) kif ukoll li għandha tiġi indikata s-sors u jiġi konfermat id-disponibbiltá tal-fondi (ara e-mail a' fol 379). Fit-12 ta' Diċembru d-dipartiment bagħat ifakkar lill-Kunsill konvenut sabiex jipproduċi dak mitlub fl-email preċedenti tal-4 ta' Ottubru 2011 (ara fol 380). Ma jirriżultax li l-kunsill konvenut irrisponda għal din id-dokumentazzjoni mitluba mid-dipartiment tal kuntrattri (ara xhieda Dr. Franco Agius a' fol 388). Ġiet esplorata wkoll il-possibilitá li l-ħlas għal dan ix-xogħol jiġi

effettwat mill-ADT. L-ADT iżda ma laqgħatx din it-talba (ara skambju ta' e-mails a' fol 252 sa 254 u xhieda Perit Stephen Grech a' fol 320 u 321).

**Punti ta' Liġi**

**20.** L-azzjoni esperita mis-Soċjetá Attriċi tirrigwarda ħlas ta' kreditu dovut lilha għal dawn ix-xogħolijiet eżegwiti minnha fuq il-culverts tal-ilma fl-ammont ta' €30,333.58. Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont globali tal-kont markat Dok A a' fol 3 maħruġ skont l-istima kif miftehma bil-mod senjalat fil-fatti supra 9 a' fol 3).

**21.** Is-Soċjetá Attriċi fetħet din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita taħt l-Artikolu 167(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**22.** Wara li l-Konvenut Mosta Football Club ikkontesta din l-azzjoni permezz ta' nota preżentata a' fol 13, din il-Qorti diverżament presjeduta tgħat lil konvenuti l-permess li jopponu l-azzjoni u jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom (ara verbal datat 23 ta' Jannar 2013). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap.

**Konsiderazzjonijiet**

**23.** Iż-żewġ konvenuti laqgħu għal din l-azzjoni billi preliminarjament eċċepew in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnhom u s-Soċjetá Attriċi (ara

risposta ġuramentata tal-Kunsill konvenut a’ fol 18 u risposta ġuramentata tal-club konvenut a’ fol 26).

**24.** Fi kliem il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Mediterranean Trading Shipping Company Limited et vs Tristar Freight Services Limited** datata 26 ta’ Jannar 2018 “*l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ relazzjoni ġuridika hija ta’ natura sostantiva u tippresupponi l-ineżistenza ta’ rapport negozjali bejn il-partijiet; rapport li minnu jiskaturixxu l-obbligazzjonijiet, rapport li jista’ jkun kemm wieħed naxxenti minn kuntratt, jew wieħed naxxenti mid-delitt.*”

**25.** Għalhekk, sabiex tiġi milqugha din l-eċċezzjoni tal-konvenuti imsemmija, “*jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta’ prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f’dak li minnu qeghda tilmenta s-Socjet Attrici, cioe’ jekk bl-agir taghha nholqitx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjet attrici (ara **Grace Sacco v. Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex et**, **deciza min din il-Qorti fis-16 ta’ Ottubru, 2007**).*

*Inoltre kif ritenut fis-sentenza tat-**23 ta’ Ottubru 2009, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co. Ltd.:***

*“…huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta’ parti mharrka tinzel minn qaghda ta’ rapport guridiku*

*precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti"."* (**Sydney Ellul Sullivan pro et noe vs David Jones et**, **Qorti tal-Appell, 26 ta' Mejju 2017**).

**26.** Applikat dan l-insenjament għall-club konvenut fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, ir-relazzjoni ġuridika tal-istess mas-Soċjetá Attriċi toħroġ evidenti.

**27.** Jibda biex jiġi rilevat li l-fatt waħdu li l-club konvenut m'għandux jeddijiet ta' proprjetá fuq il-ground ma hux fattur determinanti biex bih wieħed jiddeċiedi li mhux il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi (ara **Vassallo Builders Group Limited vs Malta Development Corporation**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 2 ta' Mejju 2002)**.

**28.** Bl-istess mod ma huwiex determinanti l-fatt li l-club konvenut ma kienx involut fit tender numru CT 2286/2009 u lanqas ma kien parti mill-ftehim kuntrattwali ta' appalt iffirmat mid-Dipartiment tal-kuntratti f'isem il-

Kunsill Konvenut u -Soċjetá 240 limited. Diverżament minn dak sostnut mill-club konvenut (ara nota a' fol 411 et seq), il-fatt li kienet is-Soċjetá 240 limited li rebħet it-tender imsemmi u li kienet hi li nkarigat lis-Soċjetá Attriċi bħala sub-appaltatur fil-proġett regolat bl-imsemmi ftehim kontrattwali ta' appalt, ma jippresupponix l-ineżistenza ta' rabta legali diretta jew indiretta naxxenti minn rapport kontrattwali ta' appalt bejn is-Soċjetá Attriċi u l-club konvenut skont kif stabbilit fil-ġurisprudenza fuq ċitata.

**29.** Fi kwistjoni bħal din ta' min huwa l-legittimu kontradittur f'offerti maħruġa mid-Direttur tal-Kuntratti fuq talba ta' entitá pubblika, ġie ritenut li "*wiehed irrid jiddistingwi bejn il-process tas-sejha tal-offerti jew it-tendering process u l-kuntratt ut sic tal-appalt, u ovvjament iz-zewg relazzjonijiet guridici ma humiex l-istess u lanqas identici, u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala il-medisimi; anzi huma stadji ghall-kollox differenti, u cioe' wahda li tikkonsisti fil-procedura determinata li twassal ghall-konkluzzjoni tat-trattativi dwar is-sejha tal-offerti, u l-ohra sostantiva li tikkonsisti fin-negozju proprju li jwassal ghar-relazzjoni guridika attwali, u l-kuntratt finali bejn il-partijiet dwar ix-xoghol, servizzi jew fornitura ta' oggetti rikjesti.*" (**Vassallo Builders Limited vs Profs. Rev. Peter Serracino Inglott noe et**, **Prim' Awla Qorti Ċivili, 2 ta' Ottubru 2001**).

**30.** Fid-dawl ta' dak hawn insenjat, it-tender CT2286/2009 ma jista' qatt jikkonsisti f'negozju proprju li jwassal għal relazzjoni ġuridika bejn tnejn jew

aktar partijiet. Dak in-negozju li jwassal għal din ir-relazzjoni ġuridika huwa il-kuntratt innifsu ta' appalt.

**31.** Is-Soċjetá Attriċi effettivament wettqet ix-xogħolijiet fuq il-culverts f'April 2010, jiġifieri xaharejn qabel ma ġie ffirmat il-ftehim kuntrattwali ffirmat fil-15 ta' Ġunju 2010 mid-Dipartiment tal-kuntratti f'isem il-Kunsill Konvenut u s-Soċjetá 240 limited. Dawn ix-xogħolijiet għaldaqstant ma setgħux ikunu regolati b'dan il-ftehim li kien għadu ma ġiex fis-seħħ. Dak il-ftehim kuntrattwali ma huwiex ir-rabta li jixhed l-appalt da parti tas-Soċjetá Attriċi li twettaq ix-xogħolijiet fuq il-culverts tal-ilma, anzi huwa kompletament distint minnu. Dan del resto ġie wkoll konfermat mill-perit Stephen Grech stess fix-xhieda tiegħu (a' fol 313).

**32.** Ai fini ta' din l-eċċezzjoni, dak li jiddetermina l-eżistenza ta' relazzjoni sostanziva li jagħmel il-club konvenut leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni huwa li x-xogħolijiet in kwistjoni effettivament saru fuq inkarigu u għal benefiċċju tal-imsemmi club konvenut (ara **Vassallo Builders Group Limited vs Malta Development Corporation ġia ċitata; ara wkoll Mekkanika Limited vs Direttur tal-Kuntratti et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 26 ta' Frar 2003).**

**33**. Dan joħroġ ċar mis-segwenti riżultanzi proċesswali ġia senjalati supra:

i. Il-club Konvenut huwa l-applikant li f'ismu nħareġ il-permess għal dan il-proġett fuq il-ground tal-Mosta;

ii. Il-proġett fuq il-ground sar għal benefiċċju tal-club konvenut li għandu l-kontroll tal-istess u li qed igawdi mill-benefikati li saru fuqu.

iii. Ix-xogħolijiet fuq il-culverts ma sarux mis-Soċjetá Attriċi fuq inizzjattiva tagħha iżda wara struzzjonijiet diretti u ċari biex tagħmel dan mil-Perit Stephen Grech, mis-Sur Charlo Bonnici u l-Perit Chris Grech, il-viċi president tal-club imsemmi. Dan joħroġ ampjament kemm mill-provi testimonjali (xhieda Perit Stephen Grech a' fol 312 u 313, affidavit Mark Vella para 4 a' fol 246, affidavit Perit Christopher Grech a' fol 238, xhieda Manuel Bonnici a' fol 329 u xhieda Mark Vella a' fol 382) kif ukoll dawk dokumentali . F'dan ir-rigward l-e-mail datata 15 ta' Marzu 2010 a' fol 266 fejn il-Perit Stephen Grech informa lil-Mark Vella li "*Charlo Bonnici who is managing the project … has accepted Bonnici Brothers offer to clear the culvert slabs*."; Kien hemm ukoll l-endorsement għal dawn ix-xogħolijiet mogħti lis-Soċjetá konvenuta lil-Perit Stephen Grech fl-email tat-8 ta' April 2010 ( ara a' fol 357 li ġiet ukoll ikkupjata lis-Sur Joe Cassar, is-Sur Cahrlo Bonnici, l-perit Chris Grech kif ukoll lid-direttur tas-Soċjetá 240 limited Desmond Mizzi).

iv. Il-Perit Stephen Grech, ġie nominat mill-club konvenut u, għalkemm ma tħallasx mill-club, huwa dejjem u ripetutament għaraf lil-istess club bħala l-klijent tiegħu u li kien qed jaġixxi għan-nom tiegħu (ara, inter alia, xhieda a' fol 398, 399 u 401).

v. Is-Sur Charlo Bonnici wkoll kien qed jidher għan-nom tal-club konvenut hekk kif jemerġi mix-xhieda ta' Manuewel Bonnici : " **Dr. John Gauci:** *Charlo Bonnici kif kien involut f'dan il-proġett kollu?* **Xhud – Manuel Bonnici:-** *Kien..jien kont naħseb li hu xi wieħed mill-kumitat tal-Club tal-Football. Imma naħseb…ma nafx x'kien jiġifieri hu. In-naħa tal-Club tal-Football kien jidher, qed tifhem? U kien jippuxjani ħafna biex infittxu li inlestu x-xogħol*" ( a' fol 332) .

vi. Il-Perit Stephen Grech talab lis-Soċjetá Attriċi sabiex tibgħat l-istima bir-rati tagħha għal dan ix-xogħol (ara xhieda Mark Vella a' fol 382). Diverżament min dak li xehed il-Perit Chris Grech innifsu (a' fol 345 u 346) huwa mhux talli rċieva wkoll din l-istima iżda talli, qua viċi president tal-Club konvenut, innegozja r-rati mas-Soċjetá Attriċi. Huwa għamel hekk għall-interess tal-istess club, biex jevitalu l-ispejjeż: "***Xhud Manuel Bonnici:****…imbagħad f'ħin minnhom meta kien qed isir dan ix-xogħol; bdejna x-xogħol naqilgħu l-kaptelli u hekk, ċempilli l-perit Chris Grech…Fuq it-telephone qalli "le, qalli mhux se nagħmlu dawk l-affarijiet li*

*qegħdin ngħidu għax inkella dana qalli jiena jonfoq flus kemm irid, qalli imma dawn mhux flusu, qalli nibżgħu għal flus tagħhom," jiġifieri biex…; u ħareġ bl-idea li ibiddel is-sistema biex jiffrankalhom il-flus, qed tifhem?* ***Dr. John Gauci:-*** *Sewwa.* ***Xhud – Manuel Bonnici:-*** *U aħna qbilna, ftehmna u bgħatnielu l-quotation kif riedu l-Club, imma mhux …, kellimni. …<u>Hu dak il-ħin kien qed jitħadded bħala Club</u>.* ***Dr. John Gauci:*** *bħala club.* ***Xhud – Manuel Bonnici:-*** *Qed tihem?* ***<u>Biex jiffranka l-flus lil Club kien l-iskop tiegħu. U kellu raġun, ngħidlek id-dritt</u>.*** ***Dr. John Gauci:-*** *U mbagħad erġajtu ħriġtu quotation, hux hekk?* ***Xhud Manuel Bonnici:-*** *Imbagħad erġajna ħriġna l-quotation li ftehmna fuqha u għamilna x-xogħol kif ftehmna.*"( a' fol 330 u 331; Ara wkoll e-mail datata 25 ta' Marzu 2010 permezz ta' liema s-Sur Carlo Bonnici qed jinforma lil-Perit Chris Grech li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-club konvenut: "*Stephen, I am very worried that the overall budget is being exceeded by 12K. Crhis you should know that these are to be covered by Mosta FC. Is this acceptable? Charlo*"')

**34.** Tabilħaqq, din il-kawża titratta proprju dwar ir-relazzjoni sostantiva bejn is-Soċjetá Attriċi u l-club konvenut għall-esekuzzjoni tax-xogħol ta' appalt da parti tas-Soċjetá Attriċi fuq inkarigu u a benefiċċju tal-club konvenut, li huwa għalhekk il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni għall ħlas ta' kreditu dovut konsegwenti għall-istess xogħolijiet.

**35.** Kif ġie ritenut fis-sentenza ġia ċitata **Vassallo Builders Group Limited vs Malta Development Corporation**, *"il-kuntratt tal-appalt m'huwiex wieħed minn dawk li għas-siwi tiegħu għandu jsir u jiġi miftiehem b'kitba (artikolu 1233(1) tal-Kap. 16), u għalhekk fl-istadju li tinsab fih il-kawża, jekk kien hemm twettiq ta' xogħlijiet mill-kumpannija V.G.A. Construction Limited* [fil-każ odjern mis-soċjetá attriċi Bonnici Brothers Ltd] *li sar minnha għall-benefiċċju tal-Korporazzjoni mħarrka* [fil-każ de quo għal benefiċċju tal-Konvenut Mosta Football Club] *u minn din approvat, ma jistax jiġi eskluż għalhekk li hemm fil-fatt u wkoll fid-dritt rabta kuntrattwali bejniethom.*"

**36.** Il-Qorti għalhekk sejra tiċħad din l-eċċezzjoni kif sollevata mil-konvenut Mosta Football Club u tgħaddi biex tqis l-istess eċċezzjoni fil-konfront tal-konvenut l-ieħor il-Kunsill Malti għall-isport.

**37.** Joħroġ mill-fatti su indikati li l-kunsill konvenut tassew ma kienx parteċipi għal kuntratt ta' appalt bejn is-Soċjetá Attriċi u l-club konvenut. Il-kunsill ġie sempliċiment mgħarraf b'dan il-ftehim meta s-CEO Joe Cassar ġie kkupjat bl-email datata 8 ta' April 2010 li permezz tagħha is-Soċjetá Attriċi ingħatat l-endorsement mill-Perit Stephn Grech, kif ukoll tramite r-rapporti redatti mill-istess Perit Stephen Grech. Hija ġiet hekk infurmata sabiex, bħala l-awtoritá kontraenti elenkata fl-iskeda 1 tal-Avviż Legali 296/10 li ħarġet il-kuntratt pubbliku ta' appalt skont l-istess Avviż Legali, titlob lill-Awtoritá tal-Gvern Ċentrali, jiġifieri lid-Dipartiment tal-Kuntratti (ara

skeda 4 tal-Avviż Legali imsemmi), sabiex jawtorizza l-ħlas għal dawn ix-xogħolijiet addizzjonali skont l-Avviż Legali msemmi, kif fil-fatt għamlet (ara ittra datata 29 ta' Awwissu 2011 a' fol 359).

**38.** Il-club konvenut kien qed jittama ħafna li tinkiseb din l-awtorizzazzjoni. Difatti l-approvazzjoni għal dawn ix-xogħolijiet ingħatat mill-Perit Stephen Grech fid-dawl ta' laqgħa li saret mad-dipartiment imsemmi fejn ġie deskritt li l-istat attwali tal-varjazzjonijiet u l-istima tax-xogħolijiet inkwistjoni jaqgħu fil-limitu tal-budget allokat għal proġett (ara e-mail a' fol 357). Jidher iżda li d-dipartiment għadu ma tax id-deċiżjoni finali tiegħu minħabba li l-Kunsill konvenut għadu ma provdilux il-kjarifiki mitluba minnu fl-e-mail tal-4 ta' Ottubru 2011 (ara fol 379 u xhieda xhieda Dr. Franco Agis a' fol 388).

**39.** Fi kwalunkwe każ il-kunsill konvenut ma jistgħax jiġi kkundannat għall-ħlas tal-prezz tax-xogħolijiet mertu tal-kawża odjerna. Dan peress li ma kienx parteċipi għal kuntratt ta' appalt bejn is-soċjetá attriċi u l-club konvenut. Biżżejjed jingħad, li anke l-istess Soċjeta' Attriċi fit-tieni premessa tar-rikors ġuramentat tgħid li "l-*istruzzjonijiet kienet ircivithom waqt laqgha on site nhar is-7 ta' Jannar 2010*" meta l-kuntratt mal-Awtoritajiet kien ġie ffinalizzat fil-15 ta' Ġunju 2010 bejn il-partijiet konċernati b'konsegwenza tat-tender u ċioe' fost oħrajn ma' 240 Ltd u mhux mas-Soċjeta' Attriċi. Ben ħames xhur wara li jingħad li dan l-appalt

ġie mogħti on site. Dan ifisser, li jekk ingħata xi inkarigu lis-Soċjeta` Attriċi dan ma setax ingħata mill-Kunsill konvenut (ara kuntratt a' fol 21 sa 24).

**40.** Il-Qorti rat ukoll, li skont it-tender document CT2286/2009 artiklu 7 tal-istess inititolat "*Subcontrating*" hemm ċar imniżżel kif kellu jsir kwalunkwe sub-appalt ( ara a' fol 134 u 135 ). Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm li ried ikun bil-miktub u di piu' awtorizzat mill-Awtorita' kompetenti. Skont xhieda bl-affidavit kemm ta' Josep Cassar, Chief Executive Officer tal-Konvenut Kunsill, u kif ukoll ta' Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Konvenut, dawn it-tnejn jaffermaw, li l-kunsill la kien edott u l-anqas ma kien awtorizza ix-xogħolijiet mertu ta' din il-Kawża (ara a' fol 36 sa 39). Il-Qorti tirrileva, li fil-kontro eżami ta' dawn it-tnejn minn nies, is-Soċjeta' Attriċi kellha kull opportunita' li tistaqsihom jekk huma jew ħadd ieħor, għan-nom tal-Kunsilli, kienux parti mill-ftehim li sar on site fis-7 ta' Jannar 2010, skond kif premess fir-rikors ġuramentat u ċioe' d-data ta' meta jingħad li ngħata l-inkarigu. Din il-mistoqsija ma saritx.

**41.** Mill-affidavit ta' Anthony Vella, Quantity Surveyor tas-Soċjeta' Attriċi, jirrisulta li saret laqgħa on site, għalkemm ma jsemmix id-data. Għal din il-laqgħa jidher li kienu presenti il-Perit Stephen Grech, Charlo Bonnici, u membri tal-Klabb, fosthom ċertu Chris Grech. F'email tal-15 ta' Marzu 2010, Stephen Grech lil Mark Vella għidlu hekk: *"I have also spoken to Charlo Bonnici who is managing the project and he has accepted Bonnici Brothers offer to clear the culvert slabs"*. Il-Qorti pero' tinnota, li t-tender u

konsegwenzjali kuntratt ta' appalt ġew konkjużi f'Ġunju ta' dik is-sena. Il-parti kbira tal-korrispondenza bejn il-Perit Stephen Grech u Charlo' Bonnici kollha jirrisalu għal dati qabel Ġunju 2010. (ara a' fol 252 et sequens). Ma jissemiex li f'laqgħa tas-7 ta' Jannar 2010 kien hemm uffiċjali tal-Kunsill Konvenut. Li hu żgur, anke Manwel Bonnici fehem li kien qed jittratta mal-Klabb u spint minn Charlo Bonnici, f'għajnejn l-istess xhud, l-imsemmi kien qiegħed jidher fl-interess tal-Klabb u mhux għal xi entita' oħra ( ara a' fol 334).

**42.** Fl-aħħar nett in kontro-eżami, Joseph Cassar, ic-CEO tal-Kunsill Konvenut jixhed hekk:

*" ….Stephen Cassar kien ghadda l-kontijiet ghall-pagamenti, iccekkjajna liema kienu li pagamenti within the tender document, Jigifieri jekk kien hemm suppost three hundred meters turf u ghaddejnihom mal-pagamenti tad-Direttur tal-Kuntratti. Dawk it-three hundred meters ta' turf, il-Kap tal-finannzi qabad dawk it-three hu, baghtwara li sar ix-xoghol, u ghaddejnihom mal-pagamenti tad-Direttur tal-kuntratti. Dawk li kien over, f'kollox igifieri, kien ta' min kien il-kuntrattur, Stephen Grech ghamel spjegazzjoni, ghamel spjegazzjoni wara li kien sar ix-xoghol.; igifieri ghax kieku ghamel it-talba qabel – jiena obbligat li nibghatu lid-Direttur tal-Kuntratti qabel ghall-approvazzjoni tieghu. Kif gie bir-rapport tal-variations, bghatnieh ovvjament lid-Direttur tal-Kuntratti. Bghattna bin-nota tal-Perm. Sec taghna li kien gbidnielu l-attenzjoni li dan sirna nafu bih wara, u*

*ovvjament id-Direttur tal-Kuntratti ma approvax il-pagamenti*." ( ara a fol 234 tergo).

**43.** Minn dan kollu u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmi, din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Konvenut Mosta Football Club;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-Konvenut Kunsill Malti għall-iSports u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**L-Ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni parzjali jitħallsu mill-Klabb Konvenut.

**Tordna** għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**